**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Gunju, 2019**

**Rikors Numru: 126/2011 MLF**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta` estera Societa` Italiana Assicurazioni e Riassicurazioni S.p.a – S.I.A.T.**

**vs**

**Middlesea Insurance plc**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` Thomas Smith Insurance Agency Limited nomine fejn esponiet is-segwenti :

Premess illi fil-25 ta' Lulju, 2008 sehh incident tat-traffiku bejn il-vetturi STE-082 misjuqa minn certa Stephanie Vella u vettura ipparkjata IAF-731 assikurata mas-socjeta` intimata;

Illi dwar dak l-incident infethu proceduri ta' arbitragg ippreseduti minn dakinhar Avukat Dr. Mark Chetcuti – Arbitragg Nru. (sic);

Illi fil-lodo tieghu l-arbitru kien iddecieda illi kull wiehed minn fost Vella u Pace kellu jaghmel tajjeb ghall-hsarat sofferti minnu jew minnha skont il-kaz;

Illi z-zewg kumpaniji assiguratrici involuti kienu infraintendew il-lodo fis-sens illi dan apporzjona ir-responsabilita` ghall-incident ugwalment bejn Stephanie Vella u Stephen Pace, l-assigurat tas-socjeta` attrici;

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici kienet hallset lis-socjeta` konvenuta ammont ta' elfejn u sebgha u sebghin Euro (€2077.00);

Illi jirrizulta li dan kien pagament indebitu u s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda dritt izzomm dan l-istess ammont;

Illi cio nonostante il-konvenuta qieghda stinatament tirrifjuta li tirrifondi dan l-ammont minkejja li sahansitra giet interpellata taghmel dan bis-sahha ta' ittra ufficjali debitament innotifikata lilha.

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet lil din il-Qorti:

(1) tiddikjara li l-pagament ta' elfejn u sebgha u sebghin Euro (€2077.00) imwettaq mis-socjeta` attrici a favur is-socjeta konvenuta kien wiehed indebitu;

(2) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta tirrifondilha dan l-ammont flimkien mal-imghaxijiet relativi b'effett mid-data ta' meta sar il-pagament sad-data tar-rifuzjoni effettiva.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi:

1) Illi fl-ewwelnett ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-eccipjenti;
2) Illi l-lodo arbitrali li ghalih jaghmlu riferenza l-atturi, huwa res inter alios acta ghall-esponenti u s-socjeta` attrici, ma ghandu l-ebda validita` legali u ma jista jkollu ebda effett fir-rigward tal-esponent;
3) Illi mhuwiex minnu illi s-socjeta` attrici hallset lill-esponenti s-somma minnha indikata fl-avviz odjern;
4) Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal dak gja` eccepit, kwalsiasi ammont li jithallas in assunzjoni u accettazzjoni ta' responsabilita`, ma jistax imbghad sussegwentement jintalab lura.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollhaipprezentati;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**<u>Il-Fatti</u>**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-25 ta' Lulju, 2008, fi Triq Psaila, Birkirkara sehh incident stradali li fih kienu involuti il-vettura numru ta' registrazzjoni STE-082 misjuqa minn Stephanie Vella, u assigurata ma' GasanMamo Insurance Ltd, u il-vettura numru ta' registrazzjoni KBC-635 misjuqa minn Stephen Pace assigurat mas-socjeta` attrici Thomas Smith Insurance Agency Ltd.

2. F'dan l-incident kien hemm zewg vetturi ohra li sofrew danni, u li dawn kienu pparkjati fl-istess triq meta sehh l-incident, u dawn kienu il-vettura numru ta' registrazzjoni IAF-731 assigurata mas-socjeta` konvenuta taht polza *third party fire and theft*, tramite is-socjeta England Insurance Agency Limited, u il-vettura numru ta' registrazzjoni GAO-616 proprjeta` ta' Carmel Sciriha assigurata taht polza *fully comprehensive* mas-socjeta konvenuta.

3. Is-socjeta konvenuta kitbet lis-socjeta attrici u lis-socjeta GasanMamo Insurance Ltd sabiex ihallsu l-ispejjez tal-assigurat taghhom Carmel Sciriha, sid il-vettura GAO-616.

4. Wara skambju ta' diversi emails,[1] is-socjeta attrici u s-socjeta GasanMamo Insurance Ltd ftehmu li ghalkemm kienu se jidhlu fi ftehim ta' arbitragg informali, xorta jhallsu *"50/50 on a without prejudice basis"* l-ispejjez sofferti mill-assigurat tas-socjeta konvenuta, stante li dan l-assigurat kien parti innocenti, u ma kienx jahti ghall-incident.

[1] Ara Dok KC1 a fol. 24-25 tal-process.

5. Fil-fatt fit-2 ta' Frar 2009, is-socjeta konvenuta baghtet zewg ittri identici, wahda indirizzata lis-socjeta attrici u l-ohra lis-socjeta GasanMamo Insurance Ltd fejn talbithom ihallsu sehemhom, u cioe 50%, tal-ispejjez sofferti mill-assigurat taghha Charles Sciriha – u cioe €2077.90 kull wiehed.[2]

6. Fid-9 ta' April 2009, is-socjeta attrici baghtet lis-socjeta konvenuta *remittance advice* flimkien ma' cheque fl-ammont ta' €2043.74, rapprezentanti sehemha ta' 50% tad-danni sofferti minn Sciriha,[3] liema cheque gie imsarraf mis-socjeta konvenuta fit-30 ta' April 2009.

7. Fil-21 ta' Mejju 2009, gie ricevut il-lodo tal-arbitragg informali li sar bejn Stephanie Vella assikurata mas-socjeta GasanMamo Insurance Limited u Stephen Pace assigurat mis-socjeta attrici. L-arbitru iddecieda li mill-provi migjuba quddiemu *"ma tistax tinstab htija lil sewwieq jew iehor u kull parti ghalhekk trid tbati l-hsarat li sofriet fil-vettura taghha."*

8. Is-socjeta konvenuta ma kienet bl-ebda mod involuta f'dan il-ftehim ghal arbitragg informali.

9. Is-socjeta attrici ma hallset ebda ammont lil sid il-vettura IAF-731, tramite is-socjeta England Insurance Agency Limited, ghad-danni sofferti minnu f'dan l-incident stradali. Effettivament sid din il-vettura qatt ma ghamel claim mal-istess socjeta' sabiex jigi rifuz id-danni minnu sofferti. In oltre ma kien hemm l-ebda skambju ta' korrispondenza bejn England Insurance Agency Limited u s-socjeta attrici dwar dan l-incident.[4]

10. Wara li rceviet il-lodo tal-arbitragg, is-socjeta attrici talbet lis-socjeta konvenuta tirrifondilha l-flus li hallsitha u qed tghid li hija hallset dawn il-flus indebitament. F'dawn il-proceduri, Kevin Borg Degiorgio, Claims Executive mas-socjeta` attrici xehed lis-socjeta attrici kienet ghamlet dan il-hlas ghaliex hu erronjament interpreta il-lodo fuq imsemmi fis-sens li s-socjeta attrici kellha thallas nofs id-danni li sofra it-terz innocenti li

[2] Ara fol. 26 u 27 tal-process.
[3] Ara fol. 28 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta' Gabriella England a fol. 21 tal-process.

kien ipparkeggat, u rcieva minghand Middlesea Insurance plc biex ihallas elfejn u sebgha u sebghin Euro (€2077.00), bhala nofs il-hsarat tal-vettura IAF-731 assigurata ma' Middlesea Insurance plc, u hu hallas l-ammont. Sussegwentement, fuq parir tal-avukat, sab li l-lodo ma kienx jipprovdi li jithallsu minnhom danni tat-terz innocenti, u baghatilhom biex jirrifondu l-ammont imhallas.[5]

11. Is-socjeta konvenuta qed tirrifjuta li tirrifondi dawn il-flus lis-socjeta attrici.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni – Nuqqas ta' Relazzjoni Guridika u*
*It-Tielet Eccezzjoni – Ma sar l-ebda hlas kif indikat fl-Avviz*

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti jkun opportun li l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet jigu ttrattati flimkien, stante li huma relatati.

Fl-ewwel eccezzjoni, is-socjeta' konvenuta qeghda teccepixxi li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjeta' attrici. Fit-tielet eccezzjoni, hija tghid li m'huwiex minnu li s-socjeta attrici hallsitha s-sommha minnha indikata fl-avviz odjern.

Fis-sentenza **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**, deciza fl-10 ta' Jannar 2007, il-Qorti ta' l-Appell (sede Inferjuri)[6] irriteniet hekk:

*"B'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha."*

[5] Ara xhieda ta' Kevin Borg Degiorgio a fol. 15-16 tal-process.
[6] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Is-socjeta konvenuta qed tibbaza dawn iz-zewg eccezzjonijiet taghha fuq il-fatt li fil-waqt li fl-avviz, is-socjeta attrici talbet ir-rifuzjoni tal-flus li hallset rigwardanti sehemha mid-danni sofferti mill-vettura IAF-731, li kienet ipparkjata, mill-provi irrizulta minghajr ombra ta' dubbju li l-flus li hallset is-socjeta attrici kienu jirrigwardaw sehemha mid-danni subiti lill-vettura GAO-616, li wkoll kienet ipparkjata, u li s-socjeta attrici ma hallset l-ebda flus lis-socjeta konvenuta rigwardanti l-vettura IAF-731.

Ghalkemm din is-sottomissjoni setgha forsi jkollha xi bazi guridika kieku saret quddiem il-Qrati Superjuri, dak li forsi qed tinsa s-socjeta konvenuta hu l-fatt li hawnhekk si tratta minn gurisdizzjoni civili ta' sede inferjuri, u allura din il-Qorti ma hijiex strettament marbuta mal-kawzali tal-avviz. Fis-sentenza **Malta Tourism Authority vs Victor Refalo**, deciza fit-13 ta' Settembru 2007, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[7] irriteniet hekk:

*"(2) Huwa minnu illi skond il-kont esebit a fol. 3 hemm referenza ghal vettura bin-numru ta' registrazzjoni CCS - 107 imma dan ma jgibx u ma jikkonfortax it-tezi ta' l-appellanti illi l-ewwel Qorti marret ultra vires;*

*(3) Hi disposizzjoni cara tar-rit procedurali, ex-Artikolu 213, Kapitolu 12, illi jekk quddiem Qorti ta' gurisdizzjoni inferjuri ma tigix ipprovata t-talba kif imfissra fl-att izda minflok jigi pruvat jedd iehor, ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, l-qorti tista' tiddeciedi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat. Dan anke b'abbinament ma' l-Artikolu 171 ta' l-istess Kodici;*

*(4) A propozitu, jinsab sew espress fis-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-1 ta' Novembru 1889 fl-ismijiet "***Genovese -vs- Cesareo***", "per domanda nell' articolo 195 Cod. Proc. Civ. s' intende una espressione di cio che l' attore crede esergli dovuto, in qualunque forma intelligibile; e un tale domanda la Corte procede 'sola facti vertate inspecta', applicando la legge secondo il fatto provato, malgrado che la domanda medesima non sia stata cosi regolare come avrebbe dovuto essere in un procedimento innanzi una Corte Superiore". Fl-istess sens huma s-sentenzi ta' din*

---

[7] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*l-istess Qorti fl-ismijiet "**Carmelo Galea -vs- Francesco Bigeni**, 20 ta' Novembru 1920 u "**Giorgina Abela -vs- Remigio Farrugia**", 14 ta' Gunju 1941."*

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet ma jistghux jigu milqugha.

<u>*Il-Mertu*</u>

It-tieni u t-tielet eccezzjonijiet jirrigwardaw il-mertu tal-vertenza u ghalhekk se jigu trattati flimkien.

Is-socjeta attrici qieghda issejjes it-talba taghha fuq l-istitut ta' indebiti solutio a bazi tal-Artikoli 1021 u 1022 tal-Kodici Civili, u cioe li s-socjeta konvenuta ma kellhiex tiehu s-somma indikata minnha fl-avviz, u ghalhekk haditha indebitament. Ai termini ta' dawn l-artikoli tal-Kodici Civili, hemm lok ghall-"indebiti solulio" meta xi hadd, bi zball, ihallas dak li ma hux dovut, la civilment u lanqas naturalment, jew ihallas dak li hu dovut, imma mhux minnu, jew ihallas dak li hu dovut, anki minnu, imma mhux lil dak li hu lilu dovut. Minn dan jidderiva li hemm tliet kazijiet ta' hlas ta' indebitu, (1) meta l-hlas bla ebda mod ma hu dovut – indebitu *ex re,* u (2) u (3) meta l-hlas mhux dovut minn min hallas jew mhux dovut lil min gie imhallas – indebitu *ex personis.* F'kull wiehed minn dawn il-kazijiet ikun hemm il-kwazi-kuntratt tal-pagament tal-indebitu, li r-rekwiziti tiehu huma (i) il-pagament, (ii) l-indebitu, u (iii) l-izball ta' min hallas. (Ara **Maria Bianco vs Nutar Paul Pellegrini Petit** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[8] fil-25 ta' Mejju 1954).

Fis-sentenza **Korporazzjoni Enemalta vs Renato Sacco**, deciza fis-16 ta' Dicembru 2002, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[9] irriteniet hekk:

[8] *Per* Imhallef J. Caruana Colombo.
[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*"L-estremi mehtiega mil-ligi u mid-duttrina ghall-ezercizzju ta' din l-azzjoni, maghrufa wkoll bhala wahda ta' ripetizzjoni ta' indebitu, huma tlieta u cjoe:- (a) il-pagament; (b) id-difett ta' kawza, ezempju mankanza jew inezistenza tad-debitu ("indebitus ex re") jew mankanza tal-kwalita' ta' kreditur fl-"accipiens" jew ta' dik tad-debitur fis-solvens ("indebitus ex personis") u (c) l-errur fl-accipiens jew fis-solvens – "***Joseph Rossi –vs- Victor Cilia et***", Prim'Awla Qorti Civili per Imhallef Maurice Caruana Curran, 11 ta' Marzu 1970;* ***Vol XXXIX pII p543****.*

*Fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti l-appellanti sahaq ferm fuq it-tielet element ta' din l-azzjoni u cjoe l-izball tas-solvens. Fir-rigward inghad dan fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Frar 1957 in re "***Alfred Tonna et –vs-Carmela Bugeja et***" (Vol XLI pI p76):*

*"Mill-konfront ta' l-Art 1064 u 1065 tal-Kodici Civili (illum Art. 1021 u 1022) jidher li min jircevi jista' jaghmel hekk tant xjentement kemm bi zball izda min ihallas ghandu jkun bilfors fi zball, biex tista' tikkompeti lilu l-azzjoni tar-ripetizzjoni ta' dak li jkun hallas indebitament. Hu evidenti li l-fondament tal-azzjoni huwa l-izball f'min ikun hallas; liema zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun ircieva l-hlas skond il-massima ta' gustizzja naturali "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem" (De Regulis Juris, L. 206)."*

*Din id-decizjoni pero' ma waqqfetx hawn. Gie aggunt, infatti illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-solvens, u b'mod specjali jekk issir il-prova li dak is-solvens kien jaf bic-cirkostanzi li minhabba fihom hu ma kienx tenut ghal hlas, allura ma ghandux id-dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas, ghaliex "indebitum solutum sciens non recte repetit". F'dan il-kaz min ikun hallas ma jkollux ragun jilmenta, u "imputet sibi" jekk kellu xi dannu".*

Huwa pacifiku bejn il-partijiet li s-socjeta attrici hallset nofs id-danni subiti mill-vettura GAO-616 lis-socjeta attrici, u ghalhekk l-ewwel rekwizit ghal kawza ta' indebiti solutio mhux kontestat.

Rigward it-tieni rekwizit, jirrizulta mill-provi li fl-arbitragg informali li sar bejn s-sewwieqa Stephanie Vella u Stephen Pace, l-arbitru iddecieda li ma tistax tinstab htija lil sewwieq jew iehor u kull parti ghalhekk trid tbati l-hsarat li sofriet fil-vettura taghha. A bazi ta' dan il-lodo,

is-socjeta attrici qed tallega li hi ma kellha taghti xejn lis-socjeta konvenuta, u li hallsitha bi zball, ghaliex infraintendiet il-lodo fis-sens illi dan apporzjona ir-responsabbilita tal-incident ugwalment bejn Vella u Pace, l-assigurat tas-socjeta attrici.

Jibda biex jinghad li hu pacifiku bejn il-partijiet li s-socjeta konvenuta ma kienet bl-ebda mod involuta f'dan l-arbitragg informali, u ghalhekk isegwi li t-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta hija gustifikata, ghax l-arbitragg huwa *res inter alios acta* ghaliha.

Pero fl-opinjoni tal-Qorti, dan huwa ta' importanza sekondarja fil-kaz odjern, stante li mill-provi irrizulta ampjament illi ċ-ċekk in kwistjoni huwa datat u ntbaghat 9 ta' April 2009[10], wara skampju ta' korrispondenza bejn il-partijiet li kien ilu ghaddej mill-inqas minn Novembru 2008, filwaqt illi l-lodo tal-arbitru gie ricevut fl-21 ta' Mejju 2009[11]. Allura huwa ovvju li dan l-pagament m'għandu x'jaqsam xejn mal-lodo tal-arbitru, stante li sar qabel ma ġie deċiż dak l-arbitraġġ. Fil-fatt, fl-iskambju ta' korrispondenza hemm ftehim li s-socjeta attrici u GasanMamo Insurance Ltd ihallsu nofs kull wiehed minghajr pregudizzju d-danni subiti minn sid il-vettura GAO-616, stante li dan kien parti innocenti, ghax ma kien jahti bl-ebda mod ghall-incident stradali, u mbaghad jirrangaw il-pendenzi bejniethom wara li l-arbitru jaghti l-lodo tieghu. Konsegwentement, il-verzjoni tas-soċjeta attriċi li hija ghamlet dan il-pagament ghaliex interpretat erronjament il-lodo arbitrali m'ghandhix mis-sewwa.

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta attrici mhux talli ma haditx zball meta ghamlet il-hlas, imma fl-istadju li fih hallset hi kienet konsapevoli li hi mhux necessarjament kienet se tkun legalment obbligata li thallas lis-socjeta konvenuta, ghaliex l-arbitragg kien ghadu pendenti, u dan nonostante, hi assumiet nofs ir-responsabbilita ghad-danni subiti mill-vettura assigurata mis-socjeta konvenuta, u hallsithom. Konsegwentement, it-tielet rekwizit biex tirnexxi azzjoni ta' indebiti solution – u cioe li l-pagament ikun sar bi zball – huwa nieqes. Fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, f'dawn ic-cirkostanzi, s-socjeta attrici m'ghandha l-ebda dritt titlob ir-rifuzjoni tal-flus li hallset lis-socjeta konvenuta, u *imputet sibi*, jekk se tbati xi danni.

[10] Ara fol 11 *et seq* tal-process liema cheque gie sussegwentement imsarraf fit-30 ta' April 2009.
[11] Fol 2 u 3.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-raguniet, il-Qorti:

1. Tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta;
2. Tilqa' t-tieni u r-raba' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta;
3. Konsegwentement tichad it-talbiet attrici fl-interita taghhom.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta attrici.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**